**QORTI CIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**IMHALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel., Mag. Jur. (Eur. Law)**

Illum 10 ta' Dicembru 2015

Rikors Nru : 372/15 AL

**Ab**

***vs***

**CD**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors illi gie ikkonfermat bil-gurament mir-rikorrenti, li permezz tieghu ippremettiet:

Illi l-partijiet izzewgu fit-30 ta' Awissu 2003 (Certifikat taz-Zwieg anness Dok. A);

Illi l-partijiet isseparaw permezz ta' kuntratt ta' separazzjoni fl-atti tan-Nutar Dr Astrid Jo Bonnici datat 13 ta' Marzu 2012 (Kopja annessa Dok B);

Illi l-partijiet ghandhom zewg ulied, it-tnejn minorenni;

Illi l-partijiet ilhom jghixu separatament minn xulxin sa minn Gunju 2011 u ma hemm ebda prospett ragjonevoli ghal rikonciljazzjoni bejn il-partijiet;

Illi jikkonkorru l-elementi kollha rikjesti mill-Ligi ghall-hall taz-zwieg u ghad-divorzju tal-partijiet;

Talbet li l-intimat ighid ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex tiddikjara li z-zwieg taghha mal-intimat Sean Scerri bhala mahlul, u li l-partijiet huma divorzjati ghall-finijiet u effetti kollha tal-ligi, u sabiex tordna ghaldaqstant lir-Registratur tal-Qorti sabiex fi zmien imholli ghal daqshekk minn din il-Qorti, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet sabiex dan ikun registrat fir-Registru Pubbliku skont il-Ligi, u dan taht dawk il-provedimenti li din il-Qorti jidhrilha xierqa u opportuni;

Rat id-dokumenti kollha illi gew esebiti;

Rat id-digriet taghha tat-22 ta' Settembru 2015;

Semghet lill-intimat jixhed bil-gurament tieghu;

Rat l-Artikolu 66 B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat :

Illi l-Qorti rat li r-rikorrenti irnexxielha tissodisfa ir-rekwiziti kollha mehtiega mill-Ligi sabiex zwieg jigi mahlul u dana peress illi ippruvat illi l-partijiet ilhom legalment separati mit-13 ta' Marzu 2012 u ilhom de facto separati sa minn Gunju 2011;

Illi r-rikorrenti ippruvat ukoll illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet u illi ma hemm l-ebda pendenzi fir-rigward ta' hlas ta' manteniment;

Ghaldaqstant, u ghar-ragunijiet fuq imsemmija, il-Qorti qeghda tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien xahar millum, javza lid-

Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.